16 ta' Awissu, 1950.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Tabib Pawlu Boffa et. *versus* Frank Agius et. ne.**

## Assemblea Leġislativa — Elezzjonijiet — "Nomination" tal-Kandidati — Kompetenza — Kap. 163 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta.

*Il-Qorti ta' l-Appell mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' talba biex tiġi revisa d-deċiżjoni ta' l-Election Commissioners li biha huma jkunu rrifjutaw lil xi kandidat għall-elezzjoni li jżid xi indikazzjoni fin-"nomination paper" tiegħu.*

*Dik il-Qorti hija kompetenti biss biex tieħu konjizzjoni ta' reklam kontra deċiżjoni ta' l-Election Commissioners li biha jkunu aċċettaw xi waħda jew oħra minn dawn l-erba' oġġezzjonijiet :— 1. Oġġezzjoni li d-deskrizzjoni tal-kandidat mhix suffiċjenti biex tidentifika l-kandidat; 2. Oġġezzjoni li n-"nomination paper" mhix skond il-liġi; 3. Oġġezzjoni li n-"nomination paper" ma ġietx konsenjata skond il-liġi; 4. Oġġezzjoni li ma sarx id-depożitu skond il-liġi.*

*Il-fatt li l-Election Commissioners, wara li jkunu aċċettaw in-"nomination" ta' kandidat, jirrifjutaw it-talba tiegħu biex jżid xi indikaz-*

*zjoni fiha, ma jista' taht ebda wahda minn dawn l-oġġezzjonijiet; u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tieħu konjizzjoni ta' talba tal-kandidat biex tiġi rexissa dik id-deċiżjoni.*

*Għax il-kompetenza tat-tribunal mhix materja li tista' tiġi argumentata impliċitament, imma għandha tkun espressament speċifikata mill-liġi; u għalhekk, meta l-Qorti tkun inkompetenti "ratione materiae", għandha hija stess "ex officio" tiddikjara l-inkompetenza tagħha.*

Il-Qorti, — **Fuq iċ-ċitazzjoni nru. 5 ta' l-1950, preżentata quddiem din il-Qorti,** fejn l-atturi qalu li, **peress li huma** ġew infurmati **mill-konvenut** nomine **uffiċjalment** li l-indi**kaz**zjoni **jew aġġuntá** tal-kliem "tal-Labour ta' **Boffa"** fin-"nomination **paper"** rispettiva tagħhom ma **setgħetx** tiġi **milqu**għa **u aċċettata, minħabba** l-fatt li **dina** l-inklużjoni **ta' dawn** il-kliem **tista'** tikkrea **konfużjoni għal dik** li **hija identità tal**kandidati, **u** f'ċerti **każi** għaliex in-"nomination **paper", dar**ba aċċettata, mhix soġġetta għal ebda **addizzjoni; u peress li** r-raġunijiet addotti mill-konvenuti nomine **ma humiex** sostanzjati fil-liġi, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, anzi l-aġġunta u l-indikazzjoni proposta tkompli tikkjarifika u tiddistingwi ampjament, b'mod li **tista'** telimina **kwalunkwe kon**fużjoni; u talbu li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, id-deċiżjoni minnhom mogħtija tiġi revokata minn dina l-Onorabbli Qorti, billi jiġi dikjarat u deċiż illi l-kliem "tal-Labour ta' **Boffa"** jistgħu u għandhom jiġu inklużi fin-"nomination paper" ta' l-atturi bħala kandidati għal dina l-elezzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi fiċ-ċitazzjoni esponew illi huma riedu jagħmlu aġġunta fin-"nomination paper", u illi l-konvenuti nomine ma aċċettawx din l-aġġunta; għaliex, fost raġunijiet oħra, tista' ġġib konfużjoni fl-identità tal-kandidati; u talbu r-rexissjoni ta' dina d-deċiżjoni;

Illi mis-subartikoli (3) u (5) tal-Kap. 163 Ediz. Riv. jidher ċar illi dina l-Qorti ta' l-Appell hija biss kompetenti meta l-"Commissioners" ikunu aċċettaw xi waħda jew oħra mill-oġġezzjonijiet imsemmija fis-subartikolu 3. Dawn l-oġġezzjonijiet huma erbgħa, cioè:— (a) Oġġezzjoni illi d-des-

krizzjoni tal-kandidati mhix suffiċjenti sabiex jiġi identifikat l-istess kandidat; (b) Oġġezzjoni illi n-"nomination paper" mhix skond il-liġi; (c) Oġġezzjoni illi n-"nomination paper" ma ġietx kunsinnata skond il-liġi; (d) Oġġezzjoni illi ma sarx depożitu skond il-liġi;

Fil-każ preżenti ma hux il-każ ta' ebda waħda minn dawn l-oġġezzjonijiet. Infatti ma saret ebda oġġezzjoni illi n-"nomination paper" ma saretx jew ma ġietx kunsinnata skond il-liġi, jew li ma sarx id-depożitu; u mhux talli ma saretx ebda oġġezzjoni illi d-deskrizzjoni tal-kandidati hija insuffiċjenti, la mill-"Commissioners" u lanqas minn ħadd ieħor, għaliex anzi l-każ hu invers, fis-sens illi mentri l-"Commissioners" kienu sodisfatti mis-suffiċjenza tad-deskrizzjoni, huma l-atturi illi, malgrado li l-"Commissioners" huma sodisfatti, jippretendu jżidu kliem ieħor;

Illi għalhekk ma tirrikorri l-ebda waħda mill-ipotesi espressament indikat mil-liġi bħala li jagħtu lok għall-kwistjoni ta' kompetenza ta' dina l-Qorti; u hija ħaġa elementari illi l-kompetenza ta' tribunal ma hijiex materja li tista' tiġi argumentata impliċitament, imma għandha tkun espressament indikata mil-liġi; dana tfisser l-espressjoni "Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni Ċivili";

Illi dina l-Qorti ssollevat dina l-kwistjoni għaliex huwa prinċipju proċedurali illi l-Qorti għandha tissolleva "ex officio" kull kwistjoni li tirrigwarda l-kompetenza tagħha "ratione materiae";

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara ruħha mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni mill-kawża odjerna; bl-ispejjeż kontra l-atturi.